MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 987/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA;**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**JURGEN XERRI;**
**CLINT SHEAD**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jurgen Xerri ta' 24 sena, imwieled tal-Pieta' nhar id-19 ta' Dicembru, 1978, bin Carmel u Mary nee' Spiteri, residenti fil-fond Des Marie, Vince, Triq San Piju X, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita' numru 151479 (M) ;

Clint Shead ta' 21 sena, imwieled tal-Pieta' nhar is-27 ta' Jannar, 1983, bin Raymond u Rachel nee' Ciappara,

residenti fil-fond Flat 3, Block 13, Bieb 1, Trejqa il-Liedna, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita’ numru 100883 (M);

Akkuzati talli nhar it-12 ta’ Novembru, 2004, f’Rahal Gdid, ghall-habta ta’ 00.30a.m., bil-hsieb li jikkommettu delitt, u cioe’ serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jiskorri Lm1,000.00 (elf lira maltin) minn fond Agius Pharmacy, sitwat fi Pjazza Antoine de Paule, ghad-detriment ta’ Dominic Ellul, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti u ndipendenti mill-volonta’ taghhom;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wara li kienu gew kkundannati f’Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu fil-pussess taghhom ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop leggittmu intsabu ghandhom;

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkosanzi, rrendew ruhhom recedivi *ai termini* tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstabu hatja b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Jurgen Xerri wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr ma kien licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Clint Shead wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser zewg provedimenti ta’ Artikoli 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta’ Jannar, 2004 u nhar is-27 ta’ Settembru, 2004, liema sentenzi kien gie misjub hati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx  reat iehor fi zmien tlett snin u disa’ xhur rispettivament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni tal-imputati fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2005, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li nghataw zmien skond il-Ligi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-1 ta' Gunju, 2005, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli relattivi tal-Ligi li tahtom ghandhom jigu akkuzati l-imputati.

Semghet *viva voce* lir-rapprezentanta tal-Agenzija Sedqa, Josette Camilleri, tikkonferma li z-zewg imputati huma eligibbli ghall-programm ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

Rat li l-akkuza tal-imputati tittratta attentat ta' serq, li ghall-istess reat l-imputati ghandhom jehlu daqs li kieku effettivament wettqu r-reat.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz *in esami*, peress illi hemm l-ammissjoni tal-imputati, din il-Qorti sejra tittratta mal-ewwel il-piena. Fil-fehma tal-Qorti, l-uniku fattur li jimmitiga favur piena li ma tillimitax il-liberta' personali tal-individwu hu li z-zewg imputati ilhom jigu segwiti mill-Agenzija Sedqa dwar programm riabilitattiv mis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2004, meta din l-istess Qorti tat Ordni f'dan is-sens, kif jirrizulta mill-verbal ta' dakinhar stess *a fol* 25A. *Inoltre*, il-Qorti qieset sew il-fehma tal-istess Agenzija, moghtija minn Josette Camilleri fis-seduta tal-lum. Din stqarret li z-zewg imputati huma eligibbli ghall-programm. Fil-fatt Clint Shead diga' beda programm residenzjali, u ilu hekk ghal xi ftit xhur, minn meta inghata l-Helsien mill-Arrest minn din il-Qorti. Jurgen Xerri qieghed biss jistenna din is-sentenza biex jinghata l-possibilita' li jibda programm. Ghalhekk fil-kaz taz-zewg imputati ma hemm l-ebda indepiment sabiex dawn jibdew programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u wiehed jittama,

jtennuh b'success. Huwa hafna ahjar ghas-socjeta' taghna li zewg zghazagh jinghataw opportunita' sabiex ifiequ minn pjaga ta' dipendenza fuq sustanzi narkotici li jwasslu ghat-twettiq ta' reati ohra bhas-serq, u jsibu l-istat taghhom fil-hajja, milli jservu piena karcerarja li m'hi ha sservi tal-ebda gid.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 330, 267, 270, 278, 279(b), 280, 281, 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali fil-konfront taz-zewg imputati, u l-Artikoli 13, 19 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront biss ta' Jurgen Xerri, u l-Artikolu 28A u 28H tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 fil-konfront biss ta' Clint Shead, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja, u tordna li jitqieghdu taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tlitt (3) snin, *ai termni* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt liema perjodu l-istess imputati ghandhom jaghmlu program ta' riabilitazzjoni kif gia' spjegat, u jtennuh b'success.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-istess imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------